# SOLENNITÀ TAT-TBERIK U TQEGĦID TAS-SALIB FUQ IL-KOPPLA TAR-ROTUNDA L-ĠDIDA TAX-XEWKIJA, GĦAWDEX.

***TRADUZZJONI TA' IVAN FARRUGIA MIT-TALJAN GĦALL-MALTI TAD-DOKUMENTAZZJONI TAL-ARĊIPRIET ĠUŻEPPI GRECH***

Fil-jum tal-31 ta' Mejju 1970 fil-ħin tal-4.30pm, wasal minn Malta n-Nunzju Appostoliku għal Malta Monsinjur Arċisqof Titulari Mons. Giuseppe Majoli u Mons. Nikol Cauchi, Isqof Amministratur Apposoltiku għal Għawdex, skortati minn muturi u mbagħad, minn ħdejn ir-roundabout akkumpanjati miż-żwiemel u mill-Banda Prekursur. Is-salib, imqiegħed fuq vettura mżejna apposta għalih, miexja quddiem in-Nunzju.

Fil-5.00pm, is-salib, f'nofs il-pjazza, quddiem palk, fejn kien hemm in-Nunzju Appostoliku, l-Isqof Mons. Nikol Cauchi, l-Arċipriet Giuseppi Grech, monsinjuri u saċerdoti, sar indirizz tal-okkażjoni mis-Sur Nazzareno Calleja, mis-Sur Bennie Mercieca, mill-Arċpriet Giuseppi Grech u min-Nunzju Appostoliku, li ġie mogħti frame tal-fidda bir-ritratt tar-Rotunda l-ġdida. Wara li tbierek is-salib, ġie intonat it-Te Deum min-Nunzju waqt li s-salib kien imwassal sal-quċċata tal-knisja mill-imgħallem Ġużeppi Vella, mill-assistent tiegħu Zakkarija Cilia u minn Dijonisju Tabone.

Hekk kif is-salib kien fil-għoli, in-nies kollha tax-Xewkija u eluf ta' persuni minn Għawdex kollu u minn Malta fil-pjazza tax-Xewkija, ċapċpu bil-ferħ fost il-kant, id-daqq tal-qniepen u tal-Banda tax-Xewkija u l-ħoss u l-eku qawwi tal-murtali fis-sema.



Sollennità della Benedizione e Deposizione della Croce sulla Cupola della Nuova Rotunda di Xewkija Gozo

Adì 31 Maggio 1970 ore 4.30 p.m. arrivò da Malta il Nunzio Apost. per Malta Mons. Arcivescovo Tit. Mons. Gius. Majoli e Mons. Nicola Cauchi Vescovo Amministratore Apost. per Gozo, scortati da motori e poi, dal Round-about accompagnati dalla Cavallina e Fil. Il Precursore, dalla Croce posta su una vettura ornata a bella posta, procedendo d'innanzi al Nunzio. Alle 5 p.m. La Croce in mezzo alla piazza, dinanzi ad un palco, dove c'era il Nunzio Ap. il Vescovo Mons. Nicola Cauchi, l'Arcip. Gius. Grech, mons. e sacerdoti, si fece un indirizzo di circostanza dal Sac. Nazzareno Calleja, Sac. Bennie Mercieca, Arcip. Gius. Grech ed il Nunzio Apost. al quale fu regalato un frame d'argento con il ritratto della Nuova Rotunda. Benedetta la Croce fu intonato il Te Deum dal Nunzio, mentre la Croce fu depositata in cima della Chiesa dal muratore Gius. Vella, suo assistente Zaccaria Cilia e Dionisio Tabone — Mentre la Croce fu in alto tutta la gente di Xewkija e migliaia da Gozo e da Malta in piazza di Xewkija applaudirono di gioia tra il canto del Suono di Campane e Filarmonica di Xewkija ed il suono e rimbombo forte di razzi in cielo. Alle 7 p.m. la Fil. fece una marcia trionfale sino al suo Casino dove si fece un lauto trattenimento in memoria di questa indimenticabile e straordinaria circostanza, in cui furono raccolte £466.0.0 per tale festa e per la fabbrica della Rotunda di Xewkija.

A.G.

**Kitba Arċ Grech Tlugħ tas-Salib 31 ta' Mejju 1970**

Fis-7pm il-Banda għamlet marċ trijonfali sal-każin tagħha fejn sar riċeviment lussuż b'tifkira ta' din l-okkażjoni straordinarja u indimentikabbli li matulha nġabret is-somma ta' £466 għall-ispejjeż tal-istess funzjoni kif ukoll għall-bini tar-Rotunda.